Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 475 / 2016

Il-Pulizija

vs

**Paul Cefai**

Illum, 30 ta' April, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul Cefai detentur tal-karta ta' l-identita' numru 320266 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-27 ta' Gunju 2015 ghall-habta ta' 1:10 hrs fi Triq San Edwardu, Qormi, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAD 843;

(1) Saq l-imsemmija vettura b' manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) u bla kont.

(2) U b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-art (sic) jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru. BMW 822, ALX 306 u AAL 656 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Savio Borg, Alexandra Portelli u Stefan Mercieca.

(3) Saq jew ipprova isuq meta kellu kontroll tal-imsemija vettura fi triq jew f' post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15 A tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Paul Cefai hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu multa ta' elf u mitejn euro (€1200) u sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghall sitt (6) xhur mill-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnu pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi **l-ewwel aggrvaju** tal-appellant huwa illi a bazi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa ma kellux jinstab hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward **tal-ewwel imputazzjoni**, dik dwar sewqan b' manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza, (c) u bla kont, l-appellant huwa perpless dwar kif qatt setghet l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib htija meta x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni ikkonfermaw bil-gurament taghhom illi ma rawx l-incident isehh. L-unika persuna li xehed dwar l-incident u kif dan sehh kien propju l-appellant innifsu li fix-xiedha tieghu ikkonferma illi huwa kien qed isuq b' mod galbat u illi anke l-velocità tieghu kienet wahda baxxa hafna. Logikament, meta wiehed ikun qed isuq bil-mod, dan ma jkunx qed isuq b' mod bla kont, jew traskurat, jew perikoluz, altrimenti kull sewwieq, f' kull waqt, jista' jispicca rinfaccjat b' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi ghandu jigi rimarkat, in sostenn ta' dan kollu, illi tant l-impatt ma kienx xi wiehed b' sahhtu, illi meta xehed Savio Borg – li kkonferma li huwa residenti fit-triq fejn sehh l-incident in kwistjoni – huwa ma sema' xejn minn gewwa u kellhom ikunu propju l-Pulizija li jcemplulu d-dar sabiex huwa jkun informat illi sehh tali incident u li fih setghet kienet involuta l-vettura tieghu.

Illi sabiex tigi meqjusa ppruvata tali imputazzjoni, il-prosekuzzjoni kellha tipprova illi kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan da parti tal-appellant; fl-umli fehma tal-appellant, dan ma giex ippruvat.

Illi oltre dan, ma tressqet l-ebda prova ohra dwar id-dinamika tal-incident, u in vista ta' dan, l-appellant umilment jissottometti li ma kienx hemm bizzejjed evidenza sabiex huwa jkun b' xi mod jista' jinstab hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tieghu. Anzi, mhux talli hekk, talli l-provi migjuba kollha jippuntaw fid-direzzjoni opposta, cioè, illi l-imputat kien qed isuq bil-galbu.

Illi ghal dak li jirrigwarda **t-tieni imputazzjoni**, ukoll, l-appellant jemmen illi ma tressqet l-ebda forma ta' prova dwar l-allegazzjoni illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba dawk l-elementi li trid il-ligi sabiex tigi radikata r-responsabbiltà penali li hija necessarja sabiex tinstab htija a bazi ta' din l-imputazzjoni. Bl-ebda mod ma ppruvat il-proskeuzzjoni tipprova illi l-appellant kien qed jonqos milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku u wisq anqas illi kien traskurat fis-sewqan tieghu. Bid-dovut rispett, jigi rilevat illi mhux kull kaz ta' incident awtomobilistiku ghandu jwassal ghal responsabbiltà penali.

Illi anke in kwantu ghal dak li jolqot **it-tielet imputazzjoni** l-appellant umilment jemmen illi ma setghet bl-ebda mod tigi misjuba htija a bazi tal-provi mressqa.

Illi l-appellant ma kellux jinsab hati ta' din l-imputazzjoni peress illi huwa ma kienx fis-sakra u lanqas taht l-effett ta' drogi waqt li kien qed isuq.

Illi jigi rilevat li l-unika haga li fuqha serrhet il-kaz taghha l-prosekuzzjoni, hija x-xiedha permezz tal-affidavit ta' PS 274 J. Turner fejn intqal li "*holoq suspett ragonevoli*

*li l-persuna saqqet taht l-influwenza tal-Alkohol, ghal fatt li meta beda jitkellem beda jehillu ilsinu, u kif ukoll harget riha ta' alkohol minn halqu"*. Bid-dovut rispett, dan mhux talli ma jissodisfax il-vot tal-ligi ghal sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni, izda lanqas biss jasal vicin!

Illi l-allegazzjoni li l-appellant ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb giet kontradetta

(1) Mix-xhieda li ta' l-appellant stess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fejn ikkonferma illi huwa ma kienx fis-sakra u kellu kontroll tal-vettura tieghu;
(2) Mill-fatt li l-appellant ta' minn tal-inqas tliet (3) kampjuni tan-nifs u ma rrizultax li huwa kien taht l-influwenza tal-alkohol, kif ikkonfermat anke fl-affidavit ta' PS 274;
(3) Mill-fatt illi evidentement l-appellant ikkopera mal-pulizija bis-shih matul il-kors kollu tal-investigazzjoni, li jidher li hadet madwar saghtejn, b' dan li f' dawn is-saghtejn ma kienx hemm atteggjament li dwaru l-pulizija ezekuttiva hasset li kellha taghmel xi accenn fir-rigward tieghu ghal dak li huwa l-komportament tal-appelant;
(4) Mill-fatt illi l-persuni l-ohra kollha li xehedu u li kienu fuq il-post dakinhar tal-incident ma rawx xi atteggjament indikattiv ta' sokor da parti tal-appellant.

Illi ta' min jirrimarka li dak l-istess ' *suspett ragonevoli*' li suppost kellu PS 274 lanqas il-kampjuni tan-nifs mittiehda ghall-iskopijiet tal-prosekuzzjoni ma kkoroborawh!

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet "*li ma tistax togqghod mal-verzjoni illi l-imputat ma kienx xurban u ghal dan il-Qorti rat il-provi korroboranti illi l-imputat kellu riha ta' xorb kif ukoll il-fatt illi l-imputat ma pproduca l-ebda provi illi huwa jbati minn xi kundizzjoni illi huwa ma setax jaghti nifs jew li ghamel xi haga wara l-incident biex jara x' gara filwaqt tal-incident*".

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fir-rigward tal-' *provi korroboranti*' li ssemmi l-Ewwel Qorti, dan ma kien xejn ghajr riha ta' xorb (purtroppo, lanqas biss deskritta bhala ' qawwija' kif sikwit isir fl-affidavits tal-pulizija) li xamm il-puzlija.

Illi hawn wiehed irid isemmi sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maximillian Camilleri</u>** deciza fil-5 ta' Frar 2014 per Imhallef Onor. Antonio Mizzi u li fiha il-Qorti qalet

> *... din il-Qorti trid tistieh fuq affidavit ta' pulizija li xammet riha ta' xorb u ix-xhieda ta' l-appellant li jammetti li xorob biss flixkun birra. Hawnhekk,* ***ma sar ebda test oggettiv fejn wiehed jista jirradika responsabbilta' .*** *Mhiex ksiwtjoni jekk il-pulizija qalitx il-verita' o meno. Il-kwistjoni hi li l-pulizja strahet fuq is-sens ta' xamm taghha.* ***Dan ma hux xi test oggettiv.*** *Il-ligi penali hi cara hafna.* ***Is-soggettività ma ghandhiex post f' dawn il-proceduri*** ... [enfasi mizjud]

Illi fid-dawl ta' dan issir riferenza ukoll ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emmanuel Laudi</u>** deciza fid-19 ta' Gunju 2014 per Imhallef Onor. Michael Mallia fejn il-Qorti kellha dan xi tghid dwar ir-riha ta' xorb:

> *Però l-pulizija xammew rieha ta' xorb. Kwindi l-unika haga li l-appellant jista' jigi addebitat biha hija proprju* ***din l-ahhar cirkostanza li fiha nnifisha mhuwiex reat***. [enfasi mizjud]

Illi inoltre, l-appellant ikkonferma ukoll illi ma kienx fis-sakra, u li kien f' kundizzjoni tajba sabiex isuq, li ma jiftakarx li kien qed jehillu lsienu kif qal il-pulizija fl-affidavit u li kkopera bis-shih mal-pulizija u anke ghamel it-testijiet tan-nifs kemm-il darba gie mitlub u li dawn ma tawx rizultat pozittiv ghall-alkohol. Ikkonferma ukoll illi ma setax ikun li xorob, ghax filghodu ried imur ghax-xoghol kif fil-fatt ghamel minghajr diffikultà.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant dan kollu jitfa' dubju serju fuq il-verzjoni moghtija mill-prosekuzzjoni u ghalhekk, la qeghdin fil-kamp penali, l-appellant jikkontendi umilment illi ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba l-alkohol u dana peress illi ma tressqet l-ebda prova konkreta ta' dan

izda, konvenjentement, filwaqt li l-prosekuzzjoni tikkonferma li t-testijiet tan-nifs ma tawx test pozittiv ghax-xorb, dawn ma esebiethomx, nonostante l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprezenta kemm il-provi favur u kif ukoll dawk kontra l-imputat.

Illi wiehed ovvjament jistaqsi allura, jekk il-prosekuzzjoni temmen illi t-testijiet tan-nifs ma sarux kif suppost – u li kien ghalhekk u mhux ghax tassew ma kienx ikkonsma hafna alkohol l-appellant, li ma tawx rizultat pozittiv – ghalfejn ma gietx addebitata l-imputazzjoni illi rrifjuta jew naqas milli jipprovdi kampjun tan-nifs? Ir-risposta tigi wahedha – ghax il-prosekuzzoni kienet taf illi ghamel it-test kif suppost u ma rrizultax li kien ikkonsma alkohol! Il-fatt wahdu li din l-imputazzjoni ma inghatatx juri illi l-pulizija ma kinitx tal-fehma illi t-testijiet, li saru ghall-inqas tliet darbiet, ma sarux sew.

Illi in vista ta' dan hija irrelevanti l-osservazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li "*l-imputat ma pproduca l-ebda provi illi huwa jbati minn xi kundizzjoni illi huwa ma setax jaghti nifs*". Primarjament, jigi enfasizzat illi l-appellant ma giex moghti xi imputazzjoni dwar ir-rifjut li jaghmel it-test tan-nifs. Ghaldaqstant, tali prova tassew ma kinitx necessarja u kienet tkun assai superfluwa. Di più irid jigi mfakkar li qeghdin fil-kamp kriminali, u essejzjalment, l-appellant – qua imputat – m' ghandu ghalfejn jipprova xejn.

Illi f' dan l-istadju jehtieg li ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Giacomotto Alexander</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 2007 per Imhallef Onor. Joseph Galea Debono fejn intqal

> *Il-posizzjoni korretta hi li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr ma thalli ebda dubju dettat mir-raguni u cioe sal-grad tac-certezza morali f' mohh il-gudikant tal-fatt.* ***Id-difisa, ossia l-akkuzat, ma ghandu ghalfejn jipprova xejn****. Izda jekk jaghzel li jaghmel xi prova bizzejjed li jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli* [enfasi mizjud]

Illi fl-umli fehma tal-appellant, dan il-grad tal-probabbli lahqu u lahqu sew. Anke fir-rigward tal-osservazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti li l-appellant ma gabx prova li "*ghamel xi haga wara l-incident biex jara x' gara filwaqt tal-incident*" ma tista' b' xi mod titqies bhala fattur inkriminanti vis-a-vis l-appellant. L-appellant irid jigi ggudikat fuq il-fatti tal-kaz u mhux fuq dak li seta' sar wara.

Illi ghalkemm ma saret l-ebda riferenza ghal dan fis-sentenza, f' dan l-istadju wiehed bilfors irid jara x' piz ghandu jinghata lill-allegazzjoni tal-pulizija li l-appellant kien qed jehillu lsienu. L-appellant ma ftakarx li kien qed jehillu lsienu, izda, dato ma non concesso li dan kien il-kaz, ghandha tittiehed b' sorpriza li xi hadd li kien ghadu zbalordit minn incident stradali fejn il-vettura tieghu sabet ruhha ta' taht fuq, jehillu xi ftit ilsienu anke bil-qatgha li ovvjament dan kellu fuqu? Il-pulizija kellmet lill-appellant biss wara l-incident, u ghalhekk, huwa wisq probabbli li jekk tassew l-appellant wehillu lsienu, dan gara minhabba l-qatgha li kellu fuqu.

Illi l-Qrati taghna sahansitra iharsu b' diffidenza lejn certi dikjarazzjonijiet maghmula fi stat ta' *shock* – **<u>David Warrington noe vs Emanuel Cardona</u>**, 27 ta' Guju 2003 per Imhallef Philip Sciberras – u tali principju ghandu jestendi ghall-effetti fizici tax-*shock* u mhux ghal dawk intellettivi biss. Jigi enfasizzat illi ghalkemm l-investigazzjoni hadet mill-inqas saghtejn, il-pulizija ma kellha xejn x' tirrimarka dwar l-atteggjament tal-appellant matul dawk is-saghtejn shah li b' xi mod jista' jwassal ghal possibilità – u wiq anqas, kwindi, ghac-certezza – li huwa ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Illi umilment, in vista tas-suespost, l-appellant umilment ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u ghalhekk dan l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Illi **t-tieni aggravju** tal-appellant huwa dwar il-fatt illi nonostante l-fatt illi l-pulizija deherilha illi l-appellant kellu jkollu dritt illi jikkonsulta ma' avukat, dan id-dritt ma giex issalvagwardjat u mhaddem b' mod effettiv, b' tali mod li effettivament l-appellant gie effettivament mcahhad minnu.

Illi skont l-affidavit ta' PS 274, il-pulizija ma rnexxilhiex taghmel kuntatt mal-avukat tal-appellant, u xorta wahda pprocediet bl-investigazzjoni daqs li kieku ma gara xejn. Mhux talli hekk, talli allegatament l-appellant ghadda xi rimarki li wara l-pulizija xejn ma ddejqet tipprova tuza kontrih u tghid li beda jaghmel ' *diversi skuzi*' .

Illi ghalkemm l-appellant izomm ferm – kif del resto jidher mill-provi – li hu ma kienx b' xi mod ipprova jsuq waqt li kien taht l-effett tal-alkohol, wiehed ma jistax jinjora l-insenjamenti tal-Qrati fuq din il-materja, fis-sens illi qabel ma l-Pulizija tipprova tiehu stqarrija ammissiva minghand l-imputat, jehtieg illi dan jigi mwissi dwar il-konsegwenzi li l-istess stqarrija jaf ikollha. Kif qalet il-Qorti tal-Magistati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **The Police vs Emilio Ceriale**, per Magistrat Onor. Consuelo Scerri Herrera, stqarrijiet mehuda mill-imputat fi stadju ta' investigazzjoni u riportati f' xi affidavit m' ghandhomx jinghataw piz u ghandhom jigu skartati.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi** [1] kellha s-segwenti xi tghid dwar dan:

> *Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett.* ***Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.***
>
> *Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m' ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.*
>
> ***Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistiti minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.***

[1] Appell Civili Nru. 34/2009/1 – 12 ta' April 2011.

*Ir-raguni tal-inistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt ghall-asistenza legali fi stadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li **hadd m' ghandu jinkrimina ruhu...kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni ' conviction' mhux fattur li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib il-mezzi biex issolvi l-kazijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai facli ta' ammissjoni minn persuna investigata minghajr l-assitenza ta' avukat**.* [enfasi mizjud]

Illi l-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** [2] qalet anke illi:

*Fil-kaz tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b' weghdiet ta' xi vantagg. **Hemm pero` l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma nghatax il-liberta fl-ghazla jekk iwegibx jew le u b' hekk kien privat minn garanzija kontra kull pregudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni**.* [enfasi mizjud]

Illi carament, dawn l-insenjamenti gew skartati waqt l-investigazzjoni tal-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

---

[2] Appell Civili Nru. 32/2011/1 – 12 ta' Novembru 2012.

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **PS 274 J Turner** fejn spjega ili nhar is-27 ta' Gunju 2015 ghall-habta tas-siegha u ghaxra ta' filghodu (01.10.a.m) gie infurmat li kient sehhet kollizzjoni fi triq San Edwardu, Qormi fejn vettura inqalbet u kif ukoll kien hemm team mediku fi triqtu minn gewwa Spar Mater Dei.

Fuq il-post sabu l-assistenza medika immexxija minn nurse Lawrence Debono fejn min naha tieghu stqarr li x-xuffier tal-vettura EAD 843 irrifjuta l-assistenza medika u kif ukoll setgha jaghti l-kaz li johloq suspett li kien taht l-influwenza tal-alkohol. Huwa kellem lix-xuffier u cioe' l-akkuzat appellant u dan holoq suspett ragonevoli li l-persuna saqet taht l-influwenza ta' alkohol ghal fatt li meta beda jitkellem beda jehillu ilsienu, u kif ukoll harget riha ta' alkohol minn halqu hekk kif kien qieghed jigi mitkellen mill-pulizija.

Fuq il-post setgha jittiehed skizz, ritratt tal-incident kif ukoll gew osservati hsarat fil-vetturi kollha kkoncernati peress li l-vettura misjuqa minn Cefai laqtet tlett vetturi li kienu pparkjati li jgibu n-numru ta' registrazzjoi BMW 822, ALX 306 u AAL 656 li gew infurmati dwar dak li kien sehh. L-appellant stqarr bhala versjoni li 'kien ghaddej normali f'daqqa u l-hin ma jafx x'gara'.

L-appellant ge infurmat bid-dirttijeti teighu kif ukoll gie infurmat bid-dritt legali fejn accetah u kif ukoll fil-hin ta' 02.15 ipprovaw ghal darbtejn jaghmelu kuntatt ma Dr Abgail Critien izda dan kien inutli. Huwa accetta li jaghti kampjun tan-nifs wara li fil-presenza tieghu ma setghux jghamel kuntatt mal-avukat tal-fiducja tieghu.

Minhabba kumplikzzjonijiet fil-breathyliser gewwa l-ghassa Hal Qormi, l-kapjun tan-nifs ittihed gol-ghassa ta' tas-Sliema fejn ghal-ragunjiet li l-analizi giet imwaqfa, kampjun tan-nifs ma jghoddx u kif ukoll minhabba volum baxx wisq ebda kalkolu ma setgha jigi analizzat mis-sistema pero' rrimarka li ghal darbtejn is-sistema mmarkat li kien hemm l-alkohol fil-halq. It-testijeit saru fis-2.56 a.m., 3.02 a.m. u 3.08a.m. L-appellant irrimarka li waqt li kienu gewwa l-ghassa setgha ha zewg drinks tal-festa peress li f'dak iz-zmien kien qed tigi celebrata l-festa ta' San Gorg, Hal Qormi. Huwa pprezenta ukoll tlett ricevuti originali tat-testijiet tan-nifs li

ittiehdu flimkien mal-okkorrenza u stima tal-hsarat li sofriet il-vettura numru ta' registrazzjoni AAL 656.

Fuq dawn it-tlett testijiet hemm imnizzel li kien hemm insufficient volume u li ghalhekk it-test tan-nifs ma jghoddx. Gie esebit ukoll skizz a fol. 9 fejn hemm idnikati l-vettura tal-appellant u tlett vetturi pparkjati ilkoll milquta u numru ta' ritratti li jindikaw li t-triq kienet mudlama u id-daqqiet li sofrew il-vetturi li kienu pparkjati u l-vettura tal-appellant li kienet maqluba ta' taht fuq.

Jidher li quddiem l-ewwel qorti kienu xehdu Alexandra Portelli u Stefan Mercieca pero ix-xhieda ta' Stefan Mercieca ma gietx dattilografata , kuntrarjament ghal dik ta' Portelli u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tati kaz dak li setgha qal dan ix- xhud Mercieca stante li ma xehdx mill-gdid quddiemha.

**Alexandra Portelli** xehdet nhar il-5 ta' Dicembru 2017, u spjegat li nhar is-27 ta' Gunju, 2015 hija kienet id-dar taghha fi Triq iz-Zinzel, Hal Qormi u ghal habta tas-siegha ta' filghodu cemplulha l-pulizija u qalulha biex tmur ghax kienu laqtulha l-karozza. Hija marret u dan kien ghall-habta tas-siegha u nofs is-saghtejn u rat il-karozza taghha milquta . Minn gewwa kienet kollha hgieg, l-boot mghaffeg spjegat li l-vettura kienet total loss. Ikkonfermat li l-appellant dahal fit-tyre tal-vettura taghha u inqaleb u l-vettura spiccat f'nofs ta' triq. Spjegat li fil-fatt l-appellant l-ewwel dahal fil-vettura li kien warajha imbagha bid-daqqa li qalet il-vettura taghha din imxiet u tat daqqa lil karozza li kien hemm quddiemha.

Mistoqsija in kontro esami tghid kif waslet beix tghid li l-appellant dahal fit-tyre taghha tghid li meta hija marret tigbor l-okkorenza fl-ghassa kien hemm miktub li l-appellant dahal got-tyre, nqaleb ghal fuq il-vettura taghha u hija mexxiet il-vettura ta' quddiemha.

**Savio Borg** xehed nhar il-21 ta' Frar 2019 quddiem din l-istess Qorti u kkonferma li huwa joqghod fi Triq Sant Edwardu, Qormi u jaf li kienu cemplulu l-pulizija ghall-habta tas-siegha ta' filghodu u qalulu li kienu laqtulu l-vettura tieghu. Huwa hareg mid-dar u ra karozza mahbuta pero' l-incident per se ma rahx issir. Qal li apparti l-

karozza tieghu kien hemm vetturi ohra milquta. Jaf ukoll li kien hemm vettura f'nofs ta' triq mistoqsi jekk kientix fuq erba' roti jew fuq is-saqaf jghid li ma jiftakarx. Jaf li kien nofsu rieqed.

Il-Qort semghet ukoll lill-appellant jixhed quddiemha viva voce nhar is-16 ta' April 2019. Stqarr li kien ghaddej minn Triq Sant Edwardu sejjer 'l fuq lejn il-polyclinic linja wahda. Fuq iz-zewg nahat tat-triq kien hemm vetturi ipparkjati. Kien miexi xi 30km/fs. Kien bil-lejl ghall-habta tas-siegha u dawk fit-triq kien hemm kemm tal-Gvern kif ukoll mill-karozza tieghu. F'daqqa u l-hin jghid li kellu black out u spicca maqlub f'nofs ta' triq. Hareg mill-vettura wahdu u ra li kien laqat tlett vetturi ohra. Fil-vettura fil-hin tal-incident kien wahdu.

Mistoqsi jekk kienx fis-sakra ighid li ma kienx pero' jghid li jsita jkun li lsienu beda jehel ghaliex kien taht xokk. Mistoqsi jek hax il-breathylser test ighid li meta kien l-ghassa ta' Hal Qormi l-apparat ma hadimx imbaghad haduh l-ghassa ta' tas Sliema u hemmhekk ghamel tlett tentattivi pero' taw rizultat negattiv. Qal li huwa kien il-hin kollu mal-pulizija mill-hin tal-incident 'l hemm, qal li wara li hadu t-testijiet akkompanjawh lura lejn il-vettura. Din kient ghadha f'nofs ta' triq u kien hemmhekk meta cempel lil tat-towing biex jigborha. Tat-towing wasal fuq il-post u telaq'l hemm maghhom.

Mistoqsi fejn kein qabel l-ncident jghid li kien hareg wahdu ghal-festa u ltaqgha ma xi nies. Kien waqaf ghand tat-take away ftit qabel u xorob xi zewg birer aktar kmieni. L-incident sehh ftit wara nofs il-lejl. Mistoqsi kemm hu l-ispeed limit f'dik it-triq jghid li ma jafx. Ma setax isuq hafna ghaleix it-triq hija mimlija cross roads. Jikkonferma li black outs qatt ma kellu qabel. Mistoqsi jspejga kif habat jghid li ma jafx kif habat, ma jafx x'kien gara.

Semgeht lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-16 ta' April 2019.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawa huma is-segwenti:-

1. Ili nhar is-27 ta' Gunju 2015 ghall-habta tas-1.00a.m fi triq San Edwardu, Qormi l-appellant habat f'karozza u kkaguna hsarat fi tlett karozzi ohra li kienu stazzjonati f'dik l-istess triq u spicca maqlub f'nofs ta' triq.
2. Hadd mix-xhieda imresqa ma ra l-incident isehh.
3. L-appellant ighid li kien miexi bi speed ta' 30km/fs pero' ghalkemm jaf li inqaleb ma jafx kif sehh l-incident.
4. Griehi fuq il-persuna tieghu ma sofriex.
5. Ittiehdu xi testijiet tan-nifs tieghu pero' t-tlett kamojuni esebiti fl-atti taw rizulat ta' 'incomplete.'
6. Fuq il-post kien hemm allegatament xi nurse Lawrence Debono li qal li l-appellant kellu riha ta' xorb u meta tkellem mieghu dan kellu riha ta' xorb pero' dan ix-xhud ma ingabx jixhed.
7. Ili provi dwar id-danni kagunati fl-atti ma hemmx.
8. L-appellant telaq minn fuq il-post flimkien ma tat-towing.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi jibda' biex jinghid li din il-Qorti - ghal dak li jirrigwarda apprezzament tal-provi , ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti li tkun semghet il-provi direttament u li jkunu gew traskritti , sakemm il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-ewwel Qorti ma tkunx wahda "unsafe and unsatisfactory" u cioe' li fuq il-provi li kellha quddiemha , dik il-Qorti qatt ma setghet logikament u legittimament tasal ghal konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. L-istess dwar il-piena , din il-Qorti ripetutament irriteniet li mhux lesta li tvarjha sakemm ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda sproporzjonata.

Illi fl-ewwel lok l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant talli huwa kien qed isuq b'mod traskurat, perikoluz u bla kont. Id-difiza isostni fl-ewwel aggravju taghha li din l-akkuza QATT ma tista' tigi pprovata u dan ghaliex ma kien hemm hadd li qal li ra lill-appellant isuq. Hadd ma ddeskriva is-sewqan tieghu u l-appellant stess jghid u dan ma gie kotnradett minn hadd li huwa kien qed isuq bi speed ta' 30km/fs fi triq imdawwla u bil-kawtela ghaleix hija triq mimlija 'cross roads.' L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu ghakemm jaqbel li huwa id-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-

akkuzi taghha dan hu kaz li jtikellem wahdu u cioe' li instabet vettura maqluba ta' taht fuq fi triq sekondarja minghajr ebda spejga ta' xejn.

Illi is-sottomissjonijiet tal-appellant, kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-abbli difensur huma dwar l-apprezzament hazin li sar mill-ewwel Qorti dwar il-fatti, u li l-ewwel Qorti sabet il-htija fir-rikorrent minkejja li hadd ma iddeskriva is-sewqan tieghu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ma hemm l-ebda referenza ghas-sewqan tal-appellant izda hemm referenza ghall-kundizzjoni tieghu li fil-fehma taghha kien taht l-infuwenza ta' xorb tant li ma tax it-test tan-nifs kif misthoqq. Dwar din it-tielet akkzua pero' l-Qorti ghandha l-kummenti x'taghmel aktar 'l quddiem. L-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu donnu ghamel referenza ghall-principju probatorju tar-"res ipsa loquitur", b'mod li tefgha l-oneru tal-prova li jiskolpa ruhu fuq l-appellant, haga li "in criminalibus" mhux accettabbli u lanqas guridikament korretta.

Illi jinghad u jigi rilevat minn din il-Qorti li l-addozzjoni tad-dottrina tar-"res ipsa loquitur" tidher li ghaddiet minn certa evoluzzjoni fil-gurisprudenza taghna tul dawn l-ahhar hamsin sena. Ghall-bidu il-Qrati Taghna - anki fil-kamp penali kienu ta' sikwiet u regolarment jirrikorru ghal din it-teorija probatorja u insibu diversi sentenzi fejn giet applikata bis-shih fil-qasam penali.

Hekk fl-Appelli Kriminali - "**Il-Pulizija VS. Cassar Desain** [3]" din il-Qorti kienet irriteniet li :-
"Jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah :
"RES IPSA LOQUITUR" - "In such circumstances , the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant. (DAVIES , "Law of Road Traffic" ) u fl-Appelli Kriminali - "**Il-Pulizija vs Temi Zammit** [4] kien gie ritenut li :-

*"li dawk il-fatti li jikkostitwixxu "res ipsa loquitur" icedu quddiemhom ix-xiehdiet okulari bhala fehmiet soggettivi ta' nies li kienu dizattenti jew li ghamlu apprezzament zbaljat ."*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Jannar 1962
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Jannar 1962

u fl-Appelli Kriminali - "**Il-Pulizija vs Gaetano Felice** [5]" (Kollez . Vol. XL , iv p.1187) intqal:-

*"il-hsara li jsofru vetturi f'habta huwa kaz ta' "res ipsa loquitur" f'materja ta' speed."*

u fl- Appelli Kriminali - "**Il-Pulizija** vs. Nazzareno Farrugia[6]" gie ritenut li :-

*"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk , fuq il-bazi tal-principju tar-"res ipsa loquitur" jaqa' fuq il-persuna l-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija ."*

Illi pero' din id-dottrina giet ezaminata "*funditus*" mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina komposta mill-President Professur Sir Anthony Mamo u l-Imhallfin, l-Professur J.J. Cremona u Joseph Flores , fil-kawza : "**Edgar Zahra vs. Carmelo Vassallo**[7]" . F'dik is-sentenza il-Qorti qalet hekk :-

*"M'hemmx kwistjoni li din id-dottrina giet importata fil-gurisprudenza taghna mill-gurisprudenza Ingliza, li ghaliha f' materja ta' principji jew regoli ohra, il-Qrati Taghna frekwentement jirrikorru utilment. Rigward din il-massima tar-"res ipsa loquitur" jidher....minn diversi sentenzi ohra [8] li giet bosta drabi invokata u applikata anki fi proceduri kriminali mentri invece, fil-gurisprudenza Ingliza (minn fejn , kif intqal , hadniha) il-massima ma tidhirx applikata hlief fil-kawzi civili dwar danni bazati fuq "negligence". Ghad illi f'materja ta' provi f'kawzi kriminali, hemm xi haga li tista' tixbaha, f'dawk li jissejhu prezunzjonijiet ta' fatt (e.g. dak tal-pussess recenti ta' hwejjeg misruqa ) il-massima "res ipsa loquitur", bhala tali, il-Qorti ma sabitha mkien applikata f'kawzi kriminali, u r-raguni ta' dan naturalment hija illi l-principju li jiddomina fi proceduri kriminali huwa illi bhala regola generali fondamentali, il-piz tal-prova bla dubju ragonevoli hu mixhut fuq il-prosekuzzjoni u, salvi dispozizzjonijiet espressi ta' ligi, jew regoli gurisprudenzjali eccezzjonalissimi li jiddisponu xort'ohra, ebda oneru ta' prova jew htiega ta' spjegazzjoni mhuma mixhutin fuq l-akkuzat jew imputat. Il-Qorti jidhrilha illi, apparti li f'kawzi kriminali il-massima m'ghandhiex ghall li gej tigi invokata jew applikata, anki f'kawzi civili citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha gja maghmula f'kawzi kriminali ghandhom jitharsu b'ghajn kritika...."*

---

[5] Kollez . Vol. XL , iv p.1187
[6] Kollez. Vol. XXXIII ;p.968
[7] Deciza fil-5 t'April,1971
[8] e.g. Vol. XXXIII, iv. 934 , 968 , Vol. XXXVI . iv.764.

Illi aktar recentement din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fl-ismijeit **il-Pulizija vs Claudia Camilleri** [9]addottat dan l-insenjament u qalet :-

*"in kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova ,tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali . In kwantu , pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" – ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact". "These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence ..*[10]

Jigi rilevat minn din il-Qorti li l-frazi bil-Latin "res ipsa loquitur" mhiex l-istess bhala frazi Ingliza "presumption of fact" , sakemm tali prezunzjoni ta' fatt ma tqumx fejn il- " fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."

Din il- Qorti pero' tghamilha cara li qatt ma ghandu jkun hemm xi spostament tal-oneru tal-prova fuq l-imputat u dan ghaliex fis-sistema nostrana hija il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha waqt li l-akkuza ma ghandux jipprova xejn.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant , u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Novembru 1996.
[10] CROSS. R. "On Evidence (Butterworths, London , (1979) p.124)

hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat. Per esempju fost ohrajn meta jkun hemm xi brake marks indikativi ta' l-ispeed tas-sewwieq, xi reading mehud minn xi Camera dwar speed, xi difett fil-karozza li ghamlet il-vettura mhux tajba biex tinstaq fi triq . F'dan il-kaz pero' ma kien hemm xejn minn dan. Esebit fl-atti hemm skizz fejn jindika tlett karozzi pparkjati wara xulxin milquta u vettura tal-appellant f'nofs it-triq. Dawn il-fatti wahdehom mhumiex indikattivi tas-sewqan tal-appellant, korrobroati ma dak li stqarr l-appellant stess li kien ghaddej bi 30km/fs u li kien attent minhabba id-diversi cross roads li fiha it-triq. Sabiex tigi impsota responsabilita' kriminali jrid jkun hemm prova lil hin minn raguni valida fil-ligi li l-appellant hu responsabbli ghall-akkadut minhabba f'dan il-kaz sewqan traskurat, perikoluz jew bla kont kif akkuzat bih.

Dwar it-tieni akkuza hawnhekk ukoll il-prosekuzzjoni kellha tipprova fejn l-appellant naqas li josserva ir-regolamenti tat-traffiku f'hiex kien jikkonsisti s-sewqan traskurat u negligenti tieghu. Mhux bizzejjed fid-dawl ta' dak li intqal aktar 'l fuq li l-appellant instab f'nofs ta' triq maqlub ta' taht fuq u erga ghalhekk dan ifisser likien qed isuq b'nuqqas ta' hsieb, traskurat jew minghajr ma osserva r-regolamenti tat-traffiku. Sta ghall-proskeuzzjoni li tipprova l-kaz taghha. Il-Qorti ma thossx li hija f''posizijoni li tghid lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni l-kawza prossima tal-incident. Salv li kien l-appellant li habat fil-karozza ipparkjata li in segwitu dik il-karozza resqet il-karozzi l-ohra pero' x'kienet il-kagun tal-incident proprju ma jirrizultax. L-appellant jghid li kellu black out ghal ftit minuti tant li wara hareg mill-vettura wahdu. Pero' ma jghidx kif sehh l-impatt. Zgur pero' li brakke marks ma instabux fuq il-post, twerziq ta' tyres jew xi hsejjes ta' roti izerzqu ma kienx hemm ghaliex hadd mill-girien ma sema l-incident u s-sewwieqa tal-karozzi mahbtua hargu minn darhom wara li ircevew telefonta minghand il-pulizija.

Kif gie ritenut supra kellhom jirriultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.

Illi gie ukoll ritenut li *"ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu innifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' Sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll."* [App. Krim. **Pulizija vs. Neville John Psaila** [11]; pero' donnu li l-appellant jipprospetta d-diviza tal-"casus" u dan ghaliex stqarr li kellu 'black out'. Din il-Qorti ma tistax teskludi li dan kien minnu fin-nuqqas ta' provi cirkostanzjali ohra li jorbtu lill-appellant mal-incident

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li ma tistax issib lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzat b'mod sodisfacenti.

Dwar it tielet akkuza u cioe' dik li l-appellant saq meta ma kienx f'kundizzjoni li isuq minhabba xorb jew drogi, l-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu in kwistjoni li jaqra hekk:
15A. (1) *Ebda persuna ma ghandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.*

*(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita taghha li ssuq sew tkun ghal xi hin imnaqqsa.*

Illi allura jehtieg lill-prosekuzzjoni, sabiex tinstab htija skond dan l-artikolu, tipprova illi l-kapacita` tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa. Fil-fatt anki f'kaz li bniedem ikun jirrizulta effettivament illi ecceda il-limitu preskritt, dana ma jfissirx li huwa hati ta' imputazzjoni migjuba taht dan l-artikolu sakemm ma jirrizultax ukoll illi minhabba tali stat, huwa mhuwiex f'kundizzjoni illi jsuq ghaliex ghandu l-kapacita mnaqqsa.

Il-prosekuzzjon trid tressaq lil persuna u taghzel liema akkuzi ghandha tadebitalu skond il-fatti specie tal-kaz kif ser jirrizulta fil-kaz in desamina.

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' MArzu 2003

Il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Keith Aquilina</u>**[12]' tghid hekk:

Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata. Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq.

Biex tinstab htija taht 1-artikolu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-reat taht l-artikolu 15B, liema reat huwa determinat merament minn kemm ikun l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs, demm jew urina), ma jinhtiegx biss li jigi ppruvat li sewwieq saq vettura taht l-influwenza tax-xorb, izda, jrid ikun hemm il-prova li s-sewwieq propju minhabba l-alkohol (u dan indipendentament minn kemm ikun il-livell tal-alkohol fis-sistema) ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.

Dwar il-kwistjoni tax-xorb, gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna li ghal fini tal-artikolu 15A tal-Kap 65, il-fatt li xufier ikollu riha ta' xorb ma hijiex prova bizzejjed li x-xufier ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Fil-kaz **<u>il-Pulizija vs Jan Spiteri</u>** [13], il-Qorti qalet testwalment hekk:

*"Kwantu mbaghad ghal S.M.. 1373, huwa minnu li jghid li l-appellant kellu riha qawwa ta' xorb izda dan wahdu ma hux prova li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq".*

ll-kawza **<u>il-Pullzija vs Keith Aquilina</u>**, ikkwotat b'approvazzjoni 1-istess sentenza ta' Jan Spiteri u marret oltre fejn irriteniet li ghalkemm ma kellha 1-ebda dubju li meta x-xufier gie imwaqqaf mill-pulizija huwa kien xurban madanakollu dan ma jfissirx awtomatikament li huwa ma kienx f'kundizzjoni li jsuq.

[12] tDeciza fit-30 ta' Novembru, 2009
[13] deciz per Onor. D Sccluna nhar it-22 ta'Ottubru 2008

Fil-kaz in desamina issir referenza ghall-fatt l-agir tal-esponenti meta gie mitkellem mill-pulizija kien wiehed pjuttost kalm u normali u fl-affidavit rilaxxjat minn PS 274 Turner ma hemm l-ebda referenza ghal xi incidenti li setghu jindikaw li l-esponenti ma kienx f'sensih, jew diskors imlaqlaq da parti tal-esponenti, jew per ezempju li l-esponenti ma setax jzomm fuq saqajh. Hemm referenza biss ghal fatt li kien hemm nurse Lawrence Debono li ma giex prodott biex jixhed li jghid li l-appellant kellu riha ta' xorb u li ghalkemm kien gustifikat li jghamlulu it-test tan-nifs. Il-Pulzija PS 274 ighid li l-appellant kellu riha ta' xorb pero' dan mhux michud ghaliex l-appellant jghid li kien ha zewg flixken birra dak il-lejl xi zmien qabel. Imkien pero' ma jghid il-pulizja li kellu wiccu ruxxan jew li ma kienx sod fuq saqajgh. Jghid li kellu kliemu mhux sod pero' wara li bniedem jinqaleb fis-siegha ta' filghodu u johrog minn vettura wahdu huwa vero simili li ikollu xokk u jibda itemtem. Il-fatt li l-appellant minkejja li inqaleb u kien fi stat ta' xokk fl-ebda hin ma jghid li kellu bzonn xi ghajnuna biex johrog mill-vettura ghaleix fil-fatt hareg wahdu. Jirrizulta li akkompanja lill-pulizija l-ghassa kemm ta' Hal Qormi kif ukoll ta' tas-Sliema sabiex jiehu t-test tan-nifs u dan ghaliex l-apparat li kien hemm Hal Qormi ma kienx jahdem.

Jirrizulta li fil-fatt ha tlett testijiet tan-nifs ilkoll taw rizultat 'incomplete' u ghalhekk dan l-agir ut sic jammonta ghar reat iehor u coe dak disposta fl-artikolu 15E tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jirpprovdi s-segwenti:-

> (4)*Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjunmeħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm majiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:*
>
> *Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għalriskju sostanzjali għal saħħitha.*

Issir referenza ghas sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonnici**[14] u dan dwar it-tifsira li ghandha tinghata lit-terminologija ' inkapacita fizika' u dan ghaleix "*trid tezisiti* ***indipendentement*** *mill-ansjeta dovuta ghal fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku*"

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijeit **Il-Pulizija vs Claire Falzon**[15] inghad li ***"il-fatt li persuna ma tkunx tista tonfoq tajjeb minhabba l-istat ta' tossifikazzjoni li tkun fiha jew minhabba l-istat ta' ecitament li jahkimha, tkun habtet jew ghax tkun giet arrestata mill-pulizija ma jammontax ghall-inkapacita fizika jew mentali li tezoneraha"***

Illi jirrizulta mill-atti li l-appellant ta' tlett testijeit tan-nifs li lkoll kienu incomplete u ghalhekk semmai dan il-fatt wahdu setgha jammnta ghall-akkuza taht l-artikolu 15(4) tal-Kap 65. Bl-ebda mod ma jammonta ghal xi prova korroborattiva li kien fi stat ta' tossifikazzjoni u li ghalhekk ma kienx f'kundizzjoni tajba li jsuq. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkorrobora l-istat tas-sewqan tieghu u dan ghaliex hadd ma rah isuq u dwar il-komportament tieghu l-ufficcjal tal-pulizja fl-ebda hin ma stqar li l-appellant ma kienx qed jikkollabroa meighu jew li ma kienx qed jifhmu jew li kien qed iserrep fil-passi tieghu, jew li kellu wiccu ruxxan jew li l-pupilli ta' ghajnejgh kienu fissi. Xejn minn dan l-unika prova remota li donnu il-prosekuzzjoni ibbazat il-kaz taghha biex torbot l-akkuza in desamina kien dak li allegatament stqarr Lawrence Debono lil PS 274 li kellu jittihed test tan-nifs ghaliex l-appellant kellu riha ta' xorb f'halqu.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost din il-Qorti thoss li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ma keintix wahda safe and satisfactory u ghalhekk qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tililberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-AppelliKriminali nhar il-15 ta' Settembru .2002

[15] Deciza mill-Qorti tal-AppelliKriminali nhar il-5 ta' Marzu 2001